**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru 2023**

**Rikors nru : 84 /2020 AGV**

**JB** f' isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri APG

**vs**

**JG**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat** ta' JB datat 10 ta' Gunju 2020, fejn ippremettiet is-segwenti:-

1) Illi l-kontendenti ma humiex mizzewgin izda kienu ilhom f'relazzjoni mit-8 ta' Jannar 1999. Illi minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel APG fit-**3** ta' Ottubru 2002 (certifikat tat-twelid anness u mmarkat **DOK A**).

2) Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti spiccat f' Settembru 2018 minhabba ragunijiet serji.

3) Illi l-kontendenti jghixu gewwa l-fond appartament numru 5A, Forth Mansions, Ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex proprjeta' tal-konvenut iżda wkoll id-dar ta' residenza tal-kontendenti u tat-tifel taghhom.

4) Illi matul il-laqghat ta' medjazzjoni, ghalkemm il-konvenut deher kommess illi jikkontribwixxi ghall-edukazzjoni ta' ibnu, l-attentati ghal ftehim dwar hlas ta' manteniment adegwat sfaxxaw fix-xejn.

5) Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Novembru 2019 u sussegwentement fis-27 ta' Jannar 2020 (anness u mmarkat **DOK B**).

6) Illi l-konvenut sa mix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) beda jhallas biss l-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar ghall-manteniment t'ibnu A, u minnhom kien imbaghad inaqqas l-ispejjes tad-dawl u ilma, b' mod illi dak li rceviet l-attrici minnghand il-konvenut huwa dejjem ferm anqas minn dak li huwa mehtieg ghall-htigijiet tal-istess minuri.

7) Illi dana kollu juri illi l-konvenut qieghed – possibilment minhabba r-rabbja illi huwa jhoss ghall-attrici – jaghmel minn kollox biex ma jhallasx dak li ghandu jhallas ghat-tifel meta huwa jaf illi, ukoll wara diskussjonijiet bejnu u l-imsemmi minuri u ukoll bil-hegga tal-istess konvenut, il-minuri A ghandu jattendi l-Universita' barra minn Malta, f'wahda mill-universitajiet internazzjonali li gie accettat fihom, illi huma l-Universita ta' Colorado, Denver, l-Universita ta' Massachusetts, Amherst, L-Universita ta' San Francisco u L-Universita ta' Cardiff, Wales.

8) Illi l-konvenut huwa fid-dmir illi – bhal ma ghamel u qieghed jaghmel ma' wliedu l-ohra – u apparti mill-manteniment mehtieg ghall-ghexjien tal-minuri fl-livell stabbilit mill-mezzi tal-kontendenti genituri tieghu, jhallas ghall-edukazzjoni t'ibnu A, meta kif mistenni wkoll bis-sollecitazzjoni tal-istess konvenut, A jattendi l-Universita' barra minn Malta u jigu nkorsi spejjes, mhux biss ghall-ghexjien u lbies tal-istess A, izda wkoll l-ispejjes tas-safar ripetut minn barra lejn Malta, kotba u tghammir teknologiku, alloggar, u hwejjeg generalment mehtiega sabiex student jghix u jistudja l-boghod minn pajjizu.

9) Illi l-attrici tibza illi l-imrar illi nqala' bejn il-kontendenti ma huwiex fl-interess tat-tifel u minhabba fih, l-konvenut ma ntrabat qatt illi jhallas manteniment xieraq ghal ibnu. Illi ghalhekk u ghaliex it-tentattivi taghha biex dawn jigu rizolti amikevolment fallew, l-attrici tqis illi hemm lok ghall-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Qorti tiddeciedi dak li huwa fl-ahjar interess tat-tifel, ukoll fl-isfond tac-cirkostanzi tal-partijiet.

**Ghaldaqstant** l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-

i. Tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmi tifel, APG iben il-kontendenti, il-kura u l-kustojdu tal-istess tifel tigi fdata lill-attrici ommu b' mod illi l-post tar-residenza tat-tifel tkun mal-attrici ommu u dan salv access ghall-istess tifel mill-konvenut missieru illi jigi ezercitat skond kif jigi ordnat mill-Qorti fl-ahjar interess tal-imsemmi tifel, ukoll wara li jitqiesu l-anticedenti tal-istess konvenut u l-karattru tieghu.

ii. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut ghall-htiġijiet tat-tifel tal-kontendenti APG u dan wara li jitqiesu l-mezzi tal-partijiet, il-htiġijiet tat-tifel u l-istil u l-livell ta' hajja tal-kontendenti u, safejn mhux mahsub fir-raba' u l-hames talbiet tal-attrici, wara li jitqies ukoll illi, kif inghid, l-imsemmi APG sejjer jattendi l-Universita' barra minn Malta.

iii. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-manteniment għall-htiġijiet tal-imsemmi tifel tal-kontendenti AP G illi tigi hekk likwidata.

iv. Tiddikjara illi wara illi jittiehed qies tac-cirkostanzi u l-anticedenti tal-partijiet u tal-imsemmi tifel APG u kif ukoll tad-dhul tal-konvenut u tal-attrici, illi huwa xieraq u sewwa illi t-tifel APG jmur l-Universita, barra minn Malta illi tigi stabbilita fil-kors tas-smiegh tal-kawza, u tiddikjara ukoll illi l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes kollha gejjin minn daqshekk inkluzi l-ispejjes tal-edukazzjoni, tal-ivvjaggar, tal-alloggar, tal-kotba u tat-tghammir mehtieg ghall-istudji tieghu.

v. Tikkundanna lill-konvenut sabiex, b' zieda mal-manteniment ordnat b' sehh tat-talbiet precedenti, ihallas is-somma jew is-somom likwidati b' sehh tat-talba precedenti, lill-attrici b' dawk il-modalitajiet illi dina l-Onorabbli Qorti.

vi. Tiddikjara illi l-hlas maghmul mill-konvenut mill-ewwel (1) Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), akkont tal-manteniment tal-imsemmija tifel tal-kontendenti APG, kien, tenut kont tal-htigijiet tat-tifel u tal-mezzi tal-partijiet, inadegwat u messu kien aktar, u li hemm lok ghalhekk illi l-konvenut ihallas ossija jirrifondi lill-attrici somma illi tkun ekwivalenti ghall-arretrati ta' manteniment illi huwa messu hallas izda ma hallasx, kif hawn spjegat.

vii. B' riferenza ghall-infieq tal-attrici ghall-htigijiet tal-imsemmija tifel, il-mezzi tal-kontendenti matul iz-zmienijiet rilevanti, u l-hlasijiet illi l-konvenut messu ghamel lill-attrici ghall-manteniment tal-imsemmi tifel u dawk li effettivament ghamel, tillikwida l-arretrati ta' manteniment mill-ewwel (1) Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), sad-data illi fiha s-sentenza fuq it-talbiet precedenti ssir *res judicata* jew data ohra appozitament stabbilita mill-Qorti mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita u applikata minn dina l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici sabiex jirrimborza lill-istess attriċi ghall-hlasijiet maghmula minnha illi messhom saru minnu *in parte* jew *in toto*.

viii. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik is-somma hekk stabbilita u likwidata minn din il-Qorti bħala arretrati ta' manteniment, taħt dawk il-modalitajiet illi jiġu stabbiliti f' dan ir-rigward mill-istess Qorti u b'zieda mal-manteniment li jigi ordnat skont kif mitlub fit-talba numru (iii).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-medjazzjoni, kontra l-istess konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut JG li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf mhux kontestati. Jiżdied jingħad li APG sar maġġorenni fit-3 t'Ottubru, 2020, u kwindi ma għadux minuri.

2. Illi l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tar-rikors maħluf mhux kontestati.

3. Illi l-fatt dikjarati fit-tielet paragrafu tar-rikors maħluf huma kontestati fis-sens illi l-proprjetà tal-konvenut ġewwa Ta' Xbiex m'għadhiex ir-residenza ta' l-attriċi, u ilha ma tkun ir-residenza tal-attriċi sa minn tal-anqas Marzu ta' din is-sena.

4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba' paragrafu tar-rikors maħluf huma kontestati, u dan kemm għaliex il-kontenut ta' laqgħat ta' medjazzjoni m'għandhux ikun invokat fil-litigazzjoni sussegwenti, u kemm għaliex il-konvenut mhux biss deher kommess illi jikkontribwixxi għall-edukazzjoni ta' ibnu, iżda dejjem ikkontribwixxa, kif se jiġi ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża.

5. Illi l-fatti dikjarati fil-ħames paragrafu tar-rikors maħluf mhux kontestati.

6. Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tar-rikors maħluf huma kontestati, billi mhux minnu li l-konvenut kien inaqqas l-ispejjeż tad-dawl u l-ilma mill-ammont li kien jissomministra lill-attriċi, iżda kien inaqqas terz minn dawk l-ispejjeż, ossia sehem l-attriċi minn dawk l-ispejjeż, wara li l-attriċi

ppretendiet li wara li tterminat ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut, tibqa' tgħix fil-proprjetà tiegħu u ma tħallas assolutament xejn. Huwa wkoll kontestat illi dak somministrat mill-konvenut huwa anqas minn dak meħtieġ għall-ħtiġijiet ta' binhom, senjatament tenut kont tal-fatt illi l-konvenut għandu tlieta u sebgħin sena, u huwa kważi irtirat, u li l-attriċi hija professjonista li toffri servizzi ta' konsulenza fit-taxxa, b'uffiċini f'Regent House, Sliema u mpjegati, u kwindi bi dħul tajjeb.

7. Illi l-fatti dikjarati fis-seba' paragrafu tar-rikors maħluf huma kontestati, billi ma huwa minnu xejn li l-konvenut qed jagħmel minn kollox biex ma jħallasx dak li għandu jħallas għat-tifel. Tassew illi iben il-kontendenti dejjem wera x-xewqa li jattendi università barra minn Malta, iżda l-konvenut qatt ma ċaħdu. Il-konvenut ried biss li jipparteċipa fid-deċiżjoni dwar liema hi l-università li ibnu għandu jattendi, kif ukoll li jsiru diskussjonijiet dwar kif se jiġu sopportati l-ispejjeż għal dik l-università. Madanakollu dan qatt ma setgħa jsir, għaliex l-attriċi ppretendiet, u għadha tippretendi, li jkun il-konvenut li jħallas kollox hu, mingħajr ma jipparteċipa fid-deċiżjoni relattiva. Fil-fatt il-konvenut jaf li ibnu huwa iskritt fl-Università ta' Massachusetts, iżda la qatt intalab jagħti l-kunsens jew l-approvazzjoni tiegħu, u wisq anqas ta tali kunsens jew approvazzjoni. Il-konvenut jidhirlu li hemm universitajiet oħrajn li huma altru milli idonji għall-edukazzjoni t'ibnu, u li huma aktar kongruwi mal-mezzi tal-kontendenti.

8. Illi l-fatti dikjarati fit-tmien paragrafu tar-rikors maħluf huma wkoll kontestati, fis-sens li l-attriċi tittraskura għal kollox milli tqis, u wisq aktar milli tadempixxi, l-obbligazzjoni ugwali tagħha li tikkontribwixxi għall-manteniment ta' A . Huwa wkoll kontestat li l-konvenut għamel il-ħlasijiet li qed tippretendi l-attriċi favur uliedu oħrajn.

9. Illi l-fatti dikjarati fid-disà paragrafu tar-rikors maħluf huma wkoll kontestati, billi hija biss l-intranżiġenza tal-attriċi li wasslet għal dawn il-proċeduri. Kemm hu hekk, l-attriċi għadha s'issa qed tippersisti li ma tirrilaxxax iċ-ċwievet tal-proprjetà tal-konvenut, minkejja li ilha xhur tgħix band'oħra, u l-konvenut kellu jressaq proċeduri ċivili quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fir-rigward, li għadhom pendenti fl-ismijiet inversi permezz tar-rikors maħluf bin-numru sitta mija sebgħa u erbgħin tas-sena elfejn u dsatax (647/2019) JVC.

10. Illi l-konvenut jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Tant għandu x'jiddikjara l-konvenut għas-savju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

**FATTI**

L-attrici kellha tifel mir-relazzjoni li kellha mal-konvenut, liema tifel huwa maggorenni. Tispjega li dina l-kawza nfethet sabiex titlob il-hlas ta' manteniment ghall-binhom A minghand il-konvenut missieru.

F' Settembru, 2018 iddecidiet li titlaq lill-konvenut li kien ilu s-sieheb taghha ghal ghoxrin sena. Dak iz-zmien kien ighaddilha s-somma ta' €1,800 fix-xahar bhala manteniment u kull sena kien izid maghhom l-gholi tal-hajja jew l-indici ta' inflazzjoni. Baqa' jaghmel hekk sa Frar, 2019 u minn Marzu, 2019 naqqas is-somma ghal €1,200 u ghall-perjodu ta' Mejju u Gunju, 2019 ma hallas xejn.

Spjegat ukoll li minn Lulju, 2019, il-konvenut rega' naqqas il-manteniment ghal €600 sabiex b'hekk ikopri l-ispejjez ghat-tifel A minn liema ammont beda jnaqqas terz tal-kontijiet tad-dawl u ilma bhala sehemha. L-attrici tinsisti li lanqas biss kienet tkun id-dar ghall-hin twil u lanqas kien issajjar hemm jew tahsel il-hwejjeg.

L-attrici elenkat il-manteniment li hallas il-konvenut bejn Mejju 2019 u Marzu, 2020.[1]

Fl-ahhar ta' Marzu, 2020 tghid li telqet mid-dar ta' Ta' Xbiex fejn kienet tghix mal-konvenut u hi u t-tifel A marru jghixu flimkien u bejn April sa Dicembru, 2020 elenkat l-ammont ta' manteniment li hallas il-konvenut.[2]

In kontro-ezami tghid li t-tifel kien ghalaq 18-il sena fit-3 ta' Ottubru, 2020. Sakemm ghalaq 14-il sena kienet tahdem part-time bhala tax consultant mill-ufficcju tal-konvenut sas-sena 2018. Tghid li dwar l-ufficcju kienet thallas hi l-ispejjes tas-segretarja, tal-istationery u anke tal-ikel, pero' l-kera u anke l-kontijiet tad-dawl u ilma kienu jithallsu mill-konvenut.

Izid tghid li f'Jannar, 2021, it-tifel beda jattendi l-Universita' l-Amerika u minn dakinhar il-konvenut ma hallasx manteniment u lanqas ghall-perjodu li kien hawn Malta bejn it-28 ta' Mejju, 2021 u l-25 ta' Awissu, 2021 u lanqas ma zied il-manteniment tul dan il-perjodu skond l-gholi tal-hajja u l-inflazzjoni.

Bejn Settembru 2018 sa Mejju, 2020 tghid li A kien qieghed isegwi IB Diploma fl-iskola Verdala International u minn Awissu 2020 beda isegwi l-

[1] A fol. 66/67
[2] A fol. 67

kors ta' Arkitettura fl-US Amherst, Massachusetts u sadanittant kienet hi li kopriet l-ispejjes ghal dak li jirrigwarda l-bzonnijiet ta' kuljum, kif ukoll l-ispejjes edukattivi.[3]

Kienet hallset ukoll ghall-vjaggi sabiex izuru l-universitajiet barra minn Malta u anke l-vjaggi sabiex imur izur lil shabu.Tul dan il-perjodu kienet ukoll thallaslu l-vizti ghand il-psikologa peress li dak iz-zmien kellu bzonn sapport morali.

Spjegat li kienet harget polza ta' life insurance fuq it-tifel li mmaturat ftit qabel ma ghalaq 18-il sena. Kienet thallas €2500 kull sena u l-fondi minn dina l-assikurazzjoni kienu jiggarantulha li thallas sena universita' u b'hekk ikun fadal sena hlas ohra.

L-attrici tikkonferma li l-paga taghha hija bejn cirka €35,000 u €50,000 fis-sena, filwaqt il-konvenut jaqla' cirka €200, 000 netti u ghalhekk huwa f'posizzjoni li jhallas iktar minnha u di piu' jaghmel iktar preferenzi lejn il-wild l-iehor li ghandu minn relazzjoni ohra.

Izid tghid li llum il-konvenut verbalment ftehem mat-tifel li jhallaslu nofs l-ispejjes tal-universita', izda peress li ma hemmx xejn bil-miktub ma tafdahx.

Tikkonferma li kien fetahlu kont fejn iddepositalu s-somma ta' €20,000 minhabba li kien ser jattendi l-Universita' barra minn Malta, li €10,000 minnhom it-tifel hallas ghall-ewwel semester ghaliex ma setax jattendi fizikament minhabba l-Covid. Ir-rimanenti €10,000 kien zammhom it-tifel ghal ma jkun hemm bzonn.

[3] A fol.67/68

Ikkonfermat ukoll li bejn Marzu 2019 u Dicembru, 2020, il-hlasijiet ta' manteniment tal-konvenut kienu jammontaw ghal €8,444.52.

Dwar id-dokument li esebixxa l-konvenut dwar l-ispejjes li ghamel kien hemm zmien bejn 2019 u 2020 fejn it-tifel kien ghamel summer course fl-Universita' ta' Berkeley, California u l-ispiza kienet tammonta ghal €6,000/6,200 u fil-lista kien hemm elenkat ukoll l-ispiza tal-mizati ta' Verdala School li kienu jammontaw ghal cirka €10,000.

Dwar il-kontijiet tal-mobile tghid li l-konvenut kellu kuntratt fuq il-kumpanija Grioli Co. Ltd. U kien ihallaslu cirka €70 kull xahar, imbaghad fl-2019, meta t-tifel kien qieghed California kien tella' l-kont ghax ma kellux internet.

**Il-konvenut** ipprezenta l-audited accounts tas-sena ending 2019 u 2020.[4] Ighid li l-introjtu tieghu jircevih mill-kumpanija Grioli Co. Ltd u jircievi ukoll directors fees, kif ukoll xi hlasijiet mill-klijenti li ma jkunux iridu jhallsu tramite l-kumpanija. Minn dina l-kumpanija jghid li kien hemm qliegh ta' iktar minn €200,000.

Bhala assi jghid li ghandu l-appartament f'Ta' Xbiex, art San Pawl tat-Targa, kif ukoll dar l-Italja.Bhala azzjonist tas-socjeta' Grioli Co. Ltd ighid li hu ghandu 9999 bhala shares u share wahda tappartjeni lil terz. Jikkonferma li hu jiehu d-dividends.

Il-konvenut ipprezenta ukoll l-ispejjes li hallas ghall-minuri u dawn huma bbazati fuq ircevuti kif ukoll fuq stimi.[5]

---

[4] Dok. JG 1 u JG 2

[5] Dok. JGX 1

Jispjega ukoll li hallas l-ispejjes tal-istudent exchange tat-tifel l-Awstralja. It-tifel joqghod f'apartment li jappartjenu lilu.Ihallas ukoll ghall-ikel tat-tifel u hu jkopri dawn l-ispejjes ta' groceries u hwejjeg. Ighid li dawn l-ispejjes ma gewx ikkontestati mill-attrici.

Ma jaqbilx mal-ispejjez li qed tippretendi li hallset l-attrici. Jametti li malli t-tifel kien ser jitlaq lejn l-Universita' l-Amerika, kien fetahlu kont mal-Lombard Bank fejn iddepositalu l-ammont ta' €25,000 sabiex juza' minnhom ghal kwalsiasi haga li ghandu bzonn. Jikkonferma li dawn il-flus kienu ghadhom fil-kont.

Jikkonferma ukoll li jhallas ghall-kontijiet tal-mobile tat-tifel, li b'kollox jammontaw ghal cirka €6,000.

L-ispejjes ghal meta bghatu Cambridge kien jammonta ghal cirka €10, 000 u dwar il-pocket money ighid li kien ihallas cash direttament lit-tifel.

## **KONSIDERAZZJONIJIET**

### **Kura u Kustodja**

Dina l-Qorti ser tastenji milli tiehu iktar konjizzjoni tal-ewwel talba attrici u dan minhabba li llum bin il-partijiet sar maggorenni u ghalhekk m'hemmx iktar lok biex tiddeciedi fuq il-kura u kustodja.

### **Manteniment**

Meta giet intavolata dina l-kawza, bin il-partijiet kien ghadu ma bediex jattendi l-Universita’ barra mill-Gzejjer Maltin. Izda fil-mori tal-kawza, gie kkonfermat li A llum jattendi l-Universita’ fl-US Amherst, Massachusetts fejn qed isegwi l-kors ta’ Arkitettura. Ghalkemm il-konvenut wera d-dizappunt tieghu li l-attrici ma kkonsultatx mieghu dwar l-Universita’ li seta’ jattendi binhom u dan meta kien hemm izjed Universitajiet tajbin u mhux daqshekk gholjin. Ciononostante, jirrizulta li llum tacitament il-konvenut accetta l-attendenza ta’ A fl-Universita’ ta’ Massachusetts u ghalhekk dina l-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu ta’ liema Universita’ ghandu jattendi.

Jibqa’ ghalhekk li dina l-Qorti ghandha tikkunsidra l-ammont ta’ manteniment li qed tippretendi l-attrici, li ghandu jhallas il-konvenut, kif ukoll jekk huwiex obbligat li jikkontribwixxi ghall-ispejjes tal-Universita’, tal-ivvjaggar bejn l-Istati Uniti u Malta, l-alloggjar, kotba u spejjes ohra relatati mat-tghammir tal-istudji tieghu.

L-attrici xehdet li l-konvenut kien ihallas €1,800 fix-xahar, meta kienu ghadhom flimkien u dan ghall-bzonnijiet tat-tifel. Meta telqu lil xulxin naqqashom ghal €1,200 fix-xahar, sakemm minn Lulju, 2019 naqqas l-ammont ghal €600 fix-xahar ghaliex kien beda jnaqqas is-sehem tal-attrici mill-kontijiet tad-dawl u ilma peress li kienet ghadha toqghod fl-appartment tieghu f’ Ta’ Xbiex. L-attrici tikkontesta din l-allegazzjoni peress li tghid li kienet tkun hafna barra mid-dar u rari kienet taghmel uzu mid-dawl u ilma.

L-**Artikolu 7** jipprovdi li « ***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*** »

L-**Artikolu 3B(2)** jikkontempla li l-genituri ghandhom l-obbligu  li jmantnu lil uliedhom b’mod adegwat, izda skond il-mezzi taghhom ***“u fejn ma jkunx***

***ragonevolment possibbli li l-ulied jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:-***

***"li jkunu studenti li qedghin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig, jew taghlim full-time u huma taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena.."***

Fil-kaz **Martina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:-

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***

Inoltre fil-kaz **TC vs RM** deciza fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. Nru 272/2018, il-Qorti rriteniet illi-

"***…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom, Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

**<u>Mezzi tal-attrici</u>**

Mir-rizultanzi processwali jista' jigi konkluz illi l-attrici llum tahdem fuq bazi full-time bhala tax consultant u dan minn meta t-tifel A kien ghalaq 14-il sena

u dan fuq ammissioni taghha stess peress li sa dak iz-zmien kienet tahdem fuq bazi part-time biss.

Ipprezentat il-prospetti tat-taxxa taghha ghas-snin ta' stima 2018, 2019 u 2020 minn fejn jirrizulta li l-introjtu taghha huwa ta' cirka €30,000.[6] Il-konvenut jinsisti li llum l-attrici tiggestixxi ufficcju shih bl-impjegati u anke segretarja.

**Mezzi tal-konvenut**

Il-konvenut huwa direttur tas-socjeta' Grioli Co. Ltd. Minn fejn jirrizulta li mill-prospetti tat-taxxa ghas-snin 2018, 2019 u 2020, l-introjtu tal-konvenut huwa ferm iktar minn dak tal-attrici u huwa ta' iktar minn €200,000 u dan meta jitqies li ghandu l-introjtu tieghu, kif ukoll id-dividends li jircievi mis-socjeta' Grioli Co. Ltd.[7]

Il-konvenut jipposjedi ukoll proprjeta' f'Ta' Xbiex kif ukoll dar l-Italja.

**Mezzi ta' A**

Ghalkemm Andrea llum huwa maggorenni, huwa fatt mhux ikkontestat li ghadu qed jistudja fuq bazi full-time, l-arkittetura fl-Universita' ta' Massachussetts fl-Istati Uniti.

Huwa minnu li l-genituri ta' A ghandhom il-mezzi li jippermettulu li jistudja f'Universita' prestigguza, izda jibqa' l-fatt li A huwa student li m'ghandux

[6] Doks. JBX 1 – JBX 3
[7] Doks. JGX 1 – JGX 2

introjtu u gialadarba jghix  barra minn Malta, anzi f'kontinent iehor, ghandu diversi spejjez fosthom tal-ikel, tal-alloggar, tat-telefonati li bihom r-roaming charges jitilghu, tal-mizati tal-Universita', kotba, vjaggar bejn Malta u l-Istati Uniti, kif ukoll kwalsiasi spejjez ohra relatati mal-istudju tal-istess minuri.

Dina l-Qorti minn dejjem iddistingwiet bejn l-alimenti li huma l-manteniment li l-genitur ghandu jghaddi lit-tfal ghall-bzonnijiet ta' kuljum,  kif ukoll dawk l-ispejjez relatati  mal-edukazzjoni  u sahha tat-tfal.

Sakemm it-tifel A  beda jattendi l-Universita', il-konvenut kien qed ighaddi lill-attrici s-somma ta' €600 fix-xahar  u dan meta kien originarjament ighaddilha s-somma ta' €1,800 u dan sakemm kienu ghadhom ighixu flimkien.

Il-konvenut iddecieda li wara li t-tifel A  ghalaq tmintax-il sena  ma kienx hemm iktar htiega li jhallas manteniment u effettivament l-attrici tikkonferma li dawn il-pagamenti ta' €600 fix-xahar waqfu, anke jekk lanqas dawn ma kienu qed jithallsu regolarment.

Gie ppruvat ukoll li meta bin il-partijiet A beda jistudja fl-Universita' barra minn Malta, il-konvenut kien fetahlu kont il-bank fejn kien iddepositalu cirka €25,000 u dan sabiex ihallas il-mizati tal-istess Universita' u anke sabiex ikollu flus biex ihallas dak kollu li kien mehtieg. Il-konvenut anzi jinsisti li kien tah somma tajba peress li kien jaf li l-post fejn kien sejjer jaghmel hafna bard u riedu jixtri hwejjeg hoxnin u addattati ghat-temperatura t'hemmhekk. Minnhom l-attrici kkonfermat li kien hallas €10,000 ghal ewwel sena u kien fadallu l-bilanc u dan jirrizulta mill-kontijiet bankarji li gew esebiti u dan sabiex ikopri spejjes li jkun jehtieglu waqt li kien qed ighix l-Amerika.

Mill-istatement bankarju li esebixxa l-konvenut li nhareg fl-14 ta' Marzu, 2023, jirrizulta li ghad hemm bilanc ta' €21,338.06[8] u ghalhekk hemm diskrepanza fix-xhieda tal-partijiet, pero' l-Qorti tosserva ukoll li l-konvenut kien iddikjara li kien tah €25, 000 filwaqt li l-attrici tghid li dina s-somma kienet €20,000 u ghalhekk seta' kien hemm dina d-diskrepanza.

L-attrici tikkontendi li tul il-perjodu bejn Marzu 2019 u Dicembru, 2020, il-konvenut qatt ma hallas ghall-bzonnijiet tat-tifel ghal dak li jirrigwarda ikel, taxis, gym, hwejjeg, pocket money, flus ghat-titjiriet sabiex jattendi l-Universita' jew jivvjagga ma' shabu, izda dawn kienu jithallsu mill-attrici.[9] Fil-fattipprezentat prospett fejn identifikat l-ispejjes li thallas hi ghat-tifel Andrea u dak li jhallas il-konvenut, li huwa limitat ghall-manteniment u spejjes tal-mobile, li ghalkemm mhux indikati fil-prospett tal-attrici, mir-rizultanzi processwali jista' jigi konkluz li dawn jithallsu mill-konvenut u dawn huma pjuttost sostanzjali peress li mill-Amerika, Andrea mhux dejjem kellu l-internet, mentri qabel kienu dejjem jammontaw ghal cirka €100 peress li kellu kuntratt fuq l-istess mobile.[10]

Ghandu jigi rilevat ukoll li l-attrici hija omm li tahdem full-time u ghandha introjtu sostanzjali u ghalhekk il-mezzi taghha jippermettu li hi ukoll tassumi l-obbligi taghha li tmantni lit-tifel taghha sal-eta' ta' 23 sena u dan peress li ghadu qed jistudja fuq bazi full-time u dan jirrizulta li dejjem ghamlitu.

Jekk dina l-Qorti kellha tikkompara l-hlas ta' manteniment, flimkien mal-ispejjes tal-mobile li jhallas il-konvenut mal-ispejjes li thallas l-attrici

---

[8] Fol. 179
[9] Dok. X a fol. 116 tal-process
[10] Dok. JGX 1

jirrizulta li l-attrici thallas ferm iktar mill-konvenut u dan meta l-introjtu tieghu huwa hames darbiet ikbar minn dak tal-attrici.

Indubbjament, l-ispejjes ta' A mhumiex ftit meta jitqies li qed jistudja barra minn Malta, kif diga' accennat dina l-Qorti u ghalhekk il-mezzi tieghu huma llimitati.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, jirrizulta li ghall-bzonnijiet tal-minuri l-konvenut ghandu jhallas €1,500 fix-xahar.

Dwar l-ispejjes edukattivi, l-attrici sahqet li l-konvenut kien dispost li jkompli jhallas nofs l-ispejjes tal-Universita', izda ghalkemm wieghed lit-tifel ma kien ghamel xejn bil-miktub, Il-konvenut ma weriex li qed jopponi ghal tali allegazzjoni. Huwa minnu ukoll li l-konvenut kien ghadda lil A ammont ta' flus sabiex ikunu hemm ghal kwalsiasi bzonn. Minnhom donnu Andrea qed ihallas il-mizati tal-Universita', ghalkemm kien ghad fadallu €21,000 iddepositati fil-kont.

In kuntrast, il-konvenut ipprezenta prospett tal-ispejjez li jinsisti li jhallas ghal A, li fihom jindika li jhallas ghall-mizati tal-Universita', li ghalhekk jaghti x'jifhem lil dina l-Qorti li A mhux qed ihallas hu.

Fid-dawl ta' dan kollu, dina l-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jhallas ghall-nofs l-Universita' li jattendi A, kif ukoll nofs kwalsiasi spejjez li jirrizultaw u li huma relatati mal-Universita', ghalhekk fosthom, kotba, computer, titjiriet sabiex jitla' u jinzel bejn l-Amerika u Malta, l-alloggjar, kwalsiasi spejjez ohra relatati mat-tghammir mehtieg ghall-istudji tieghu, kif ukoll ghandu jhallas ghall-ispejjez tal-mobile ta' A.

**Arretrati**

L-attrici qed titlob ukoll lil dina l-Qorti sabiex tordna lill-konvenut ihallas ghall-arretrati ta' manteniment u elenkat id-diversi xhur fejn il-konvenut naqas li jhallas manteniment u dan mill-1 ta' Settembru 2019 sa Dicembru 2020. Il-konvenut jopponi ghal dina l-allegazzjoni peress li mill-prospett li pprezenta dwar l-ispejjez li allegatament hallas ghat-tifel A, jiddikjara li ghall-perjodi 2018/2019 u 2019/2020 hallas il-manteniment *in toto*.[11] Imbaghad minn Jannar, 2021 baqa' ma hallasx manteniment ghall-istess minuri. Il-konvenut ma nnegax dan pero' jiddikjara li bejn 2020/2021 kien hallas manteniment ghall-perjodu ta' disa' xhur u cioe' s-somma ta' €5,400.

Il-Qorti tinnota li ebda mill-partijiet ma pprezenta xi rcevuti dwar il-hlas ta' manteniment u lanqas dwar l-ispejjez li jiddikjaraw li ghamlu. Ciononostante in kontro-ezami, il-konvenut irrileva li seta' jaghti l-kaz li minkejja li fil-prospett tieghu iddikjara li kien ghamel il-hlasijiet kollha ta' manteniment, jaghraf li seta' kien hemm xi nuqqasijiet u dan peress li kien ghamel xi erba' xhur l-isptar u l-ahhar haga li kellu f'mohhu kien il-manteniment.

L-attrici in sostenn tat-tezi taghha li kien hemm arretrati ta' manteniment esebiet l-istatements bankarji taghha fejn jirrizulta li kien hemm depositi ta' manteniment li kienu jithallsu permezz ta' cekk mill-konvenut, izda dawn mhux dejjem kienu regolari.[12]

Madanakollu, dina l-Qorti tirrileva ukoll li l-attrici hawdet ghal kollox id-dati u l-ammonti li thallsu fid-diversi granet ghalkemm jirriflettu hafna drabi l-istess ammonti.

---

[11] Fol. 110

[12] Dok.JBX 7 a fol. 202 tal-process

Il-Qorti kkalkolat id-diversi ammonti li mmarkat l-attrici bl-ahdar fl-istess statements:-

i) 6 ta' Dicembru, 2019 - €600
ii) 3 ta' Ottubru, 2019 - €600
iii) 5 ta' Novembru, 2019 - €600
iv) 3 ta' Dicembru, 2019 - €493.27
v) 4 ta' Dicembru, 2019 - €169.21
vi) 11 ta' Frar, 2020 - €342.33
vii) 3 ta' Marzu, 2020 - €600
viii) 2 ta' April, 2020 - €239.81
ix) 6 ta' Mejju, 2020 - €600
x) 4 ta' Gunju, 2020 - €600
xi) 4 ta' Novembru, 2020 - €600
xii) 3 ta' Dicembru, 2020 - €600

u dawn jammontaw ghal **€6,044.62** meta effettivament kellhom jithallsu s-segwenti manteniment fix-xhur segwenti, u cioe' **€7,200,** salv ghal dak li ser jigi deciz fis-sottotitolu "**Arretrati ta' Manteniment**."

B'referenza ghal dak li ssottomettiet dina l-Qorti l-ammont ta' manteniment fis-somma ta' €600 fix-xahar ghat-tifel A ma jirriflettix il-bzonnijiet tieghu u meta kkomparata mal-introjtu tal-konvenut u tal-attrici. Madanakollu, kien verament minn Awissu 2020, meta kienu qed isiru l-preparamenti sabiex it-tifel A jattendi l-Universita' barra minn Malta, li zdiedu sostanzjalement l-ispejjez minhabba l-ivjaggar, il-hlas tal-Universita' u kwalsiasi spejjez relatati mal-istess tahrig. Addirittura, anke l-ispejjez tal-mobile zdiedu sostanzjalment.

Ghalhekk dina l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni dan kollu tikkonkludi li ir-rata ta' l-ammont ta' manteniment ghandu jkun ta' **<u>€1,500</u>** fix-xahar minn Awissu 2020 u cioe' meta A kien ser jibda t-triq edukattiva tieghu l-Amerika, li kkalkolat fuq dak li jhallas bejn Dicembru 2019 u Dicembru 2020, kif fuq spjegat u dak li jrid ihallas hemm differenza ta' **€7,800** (ma kienx hemm hlas bejn Awissu u Ottubru 2020, u bejn Novembru u Dicembru 2020 thallsu €1,200) - €**6,044.32** = **€1,755.68.**

Mill-1 ta' Jannar, 2021 sallum jirrizulta li hemm arretrati ta' manteniment li jammontaw ghal **€49,500** (€1,500 x 33 xhur) li jridu jithallsu mill-konvenut.

Il-Qorti tissottolineja ukoll li gharrfet li kemm l-attrici, kif ukoll il-konvenut ghamlu diversi spejjez sostanzjali sabiex ikopru l-bzonnijiet tat-tifel li l-ewwel kien qed jistudja hawn Malta u mbaghad kompla l-istudji tieghu barra minn Malta. L-attrici ma nnegatx li l-konvenut hallas cirka €10,000 sabiex ghamel kors ta' xahar f'Cambridge. L-attrici ukoll hallset diversi spejjez ghat-titjiriet sabiex marru l-Amerika sabiex it-tifel jintegra u jissettilja l-Universita', kif ukoll kienet hallsitlu sabiex jattendi kors fis-sajf.

Inoltre, il-konvenut iddeposita l-ammont ta' €25,000 lil A meta kien ser imur jistudja l-Amerika u kuntrarjament ghal dak li gie ppruvat ma jirrizultax li dawn il-flus intefqu minn A. Ikun opportun li l-konvenut u ibnu jaraw kif dan l-ammont jista' jigi utilizzat sabiex ikopri l-ispejjez li ghandhom jigu sopportati mill-konvenut jew jekk humiex ser jigu utilizzati bhala manteniment u jekk fil-kaz l-istess ammont ghandu jitnaqqas mill-bilanc ta' arretrati dovuti mill-konvenut kif fuq spjegat.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tasjteni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici, stante li llum it-tifel A sar maggorenni.

2.Tilqa' t-tieni talba attrici kif fuq imfisser fis-sottotitolu "Manteniment."

3. Tilqa' t-tielet talba attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici in parti kif fuq imfisser u dan stante ukoll li fil-mori tal-kawza, A beda jattendi l-Universita' barra minn Malta.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna l-hlas ta' manteniment adegwat flimkien mal-arretrati kif fuq imfisser sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena.

7. Tilqa' s-seba' talba attrici kif fuq imfisser.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' **€51.255.68 ( €49,500 + €1755.68)** bhala arretrati ta' manteniment.

L-ispejjes jibqghu a karigu tal-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**